MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 716/2005

**Michael Mercieca**

**VS**

**Buxom Poultry Ltd.**

**Il-Qorti**

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi l-attur huwa ‘’*full-time breeder”* li jrabbi l-flieles;

U peress illi s-socjeta’ konvenuta kienet ingaggat lill-attur sabiex irabbilhom numru ta’ flieles fuq medda taz-zmien;

U peress illi l-attur kellu ftehim mas-socjeta' konvenuta li kellu jithallas disghin gurnata wara li jkun radd lura l-flieles;

U peress illi minkejja li lahaq ghadda zmien twil is-somma dovuta mis-socjeta' konvenuta baqghat ma thallsitx;

U peress illi s-somma dovuta mis-socjeta' konvenuta tammonta ghal sittax il-elf mitejn hamsa u disghin Liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm16,295.47) liema somma m'hijiex kontestata mis-socjeta' konvenuta kif jirrizulta mill-anness dokument immarkat dok MM1;

U peress illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas is-somma ta' sittax il-elf mitejn hamsa u disghin Liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm16,295.47) din baqghat inadempjenti;

U peress illi t-talbiet attrici huma esigwibbli kontra s-socjeta' konvenuta u ghalhekk jirrikorru l-elementi kollha mehtiega sabiex jigi dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167(1) (b) tal-Kap 12 u dan peress illi s-socjeta' konvenuta' m'ghandhiex eccezzjoni valida, x'tissolleva bhala diviza valida, kif jidher mill-affidavit hawn anness (Dok MM2);

Tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sittax il-elf mitejn hamsa u disghin Liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm16,295.47), bl-imghaxx relattivi mid-data tal-bejgh.

Bl-ispejjes, u l-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol.3 tal-process.

Semghet l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------